MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 37/2014

**Adriana Borg K.I. 144958M, Stefan Camilleri K.I. 120861M, Santina Camilleri K.I. 6566M, Maria Von Brockdorff K.I. 613956M, Roberta Borg 402059M u Marie-Rome Amato Gauci K.I. 437784M ilkoll fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' Emanuel Camilleri**

**vs**

**Emanuel Brincat**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond Flat 3, Triq Antonio Agius, Floriana.

2. Illi dan il-fond kien gie mikri lill-intimat bhala dar ta' abitazzjoni u dan a tenur ta' skrittura privata datata 12 ta' Settembru, 1989 ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin liema skrittura qieghda tigi ezebita flimkien ma dan ir-rikors bhala Dok A.

3. Illi l-intimat huwa inkwilin ta' appartament iehor proprjeta' tar-rikorrenti u li jinsab fl-indirizz 2, Triq Antonio Agius, Floriana u ghalhekk l-intimat qieghed isostni illi dawn iz-zewg appartamenti jinfdu u huma maqghudin.

4. Illi m'huwiex minnu li l-intimat inghata xi dritt biex iniffed il-fond mertu ta' dan ir-rikors u jaqdu ma' l-appartament fl-istess blokk li fih jghix l-intimat sabiex isiru appartament wiehed kif qed isostni l-intimat.

5. Illi fil-fatt l-appartament mertu ta' dan ir-rikors jinsab vakanti u ghaldaqstant m'huwiex qieghed ghall-iskop li ghalih inkera lill-intimat mir-rikorrenti.

6. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

7. Illi safejn jafu r-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet difiza x'jaghti kontra din it-talba u ghaldaqstant il-Bord qed jigi mitlub sabiex jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi il-Bord li Jirregola l-Kera m'ghandux:

1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Jordna ghar-ragunijiet fuq prmessi likl-intimat sabiex jivaka mill-fond li jinsab fl-indirizz 3, Triq Antonio Agius, Floriana u jipprefiggi zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jizombra mill-istess fond, u jnehhi dak kollu li huma hwejjgu u jikkonsenja l-pussess battal ta' l-istess fond lir-rikorrenti, u jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess ta' dan il-fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-intimat debitament notifikat bir-rikors promutur u notifikat ukoll bl-avviz tas-smiegh baqa' ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Illi din hija kawza proposta mir-rikorrenti sidien ta’ fond mikri lill-intimat b’talba ghar-ripreza tal-fond sussegwenti ksur tal-kondizzjonijiet lokatizzji. Ir-rikorrenti adoperaw l-procedura specjali kif ravvizata fl-artikolu 16A tal-istess Kap ta’ ligijiet;

L-intimat kien notifikat l-ewwel bir-rikors promutur u wara dan bl-avviz ghas-smiegh tal-kawza fejn kien indikat b’mod car illi fin-nuqqas illi tidher fil-jum u hin ordnat, tista’ tinghata sentenza fl-ewwel dehra;

Illi ezaminati l-atti, inkluz d-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikorrenti jemergi illi l-intimat naqas fl-obbligi tieghu qua kerrej tal-fond kif ravvizat fl-istess rikors promutur. Il-Bord ma kellux l-opportunita’ jisma x’setgha kellu xi jghid l-intimat sabiex jiggustifika n-nuqqas tieghu biex b’hekk jevita l-estremi tal-izgomberu;

Ghalhekk it-talbiet tar- rikorrenti jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69. Ghal fini ta’ zgumbrament, il-Bord qed jipprefigi tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------